# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/2265

## tas-7 ta' Diċembru 2017

## li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) Fis-27 ta' Novembru 2017, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1970 (2011) emenda l-elenkar ta' bastiment soġġett għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness V għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. ANVELT

---

([1]) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

*ANNESS*

Fit-Taqsima B (Entitajiet) tal-Anness V għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, l-entrata 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. **Isem:** CAPRICORN

**magħruf ukoll bħala**: mhux disponibbli **qabel magħruf bħala**: mhux disponibbli **Indirizz**: mhux disponibbli **Elenkat fi**: 21 ta' Lulju 2017

**Informazzjoni addizzjonali**

IMO: 8900878. Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-Riżoluzzjoni 2146 (2014), kif estiża u modifikata bil-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni 2362 (2017) (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2146, din id-deżinjazzjoni ġiet imġedda mill-Kumitat fl-20 ta' Ottubru 2017 u hija valida sat-18 ta' Jannar 2018, sakemm ma tintemmx qabel mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-Riżoluzzjoni 2146. Stat tal-Bandiera: mhux magħruf. Mill-21 ta' Settembru 2017, il-bastiment kien jinsab fl-ilmijiet internazzjonali 'l barra mill-Emirati Għarab Magħquda.".